# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-25 ta' Ottubru 2007

## li temenda l-Appendiċi ta' l-Anness VI ta' l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija f'dak li għandu x'jaqsam ma' stabbilimenti ta' ipproċessar tal-ħalib fil-Bulgarija

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5170)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/689/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-ewwel sottoparagrafu tal-paragrafu (f) tal-Kapitolu 4 tat-Taqsima B ta' l-Anness VI tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel [1] u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali [2] jistipulaw ċerti rekwiżiti strutturali għal stabbilimenti li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn ir-Regolamenti.

(2) L-Anness VI, Kapitolu 4, Taqsima B, paragrafi (a) u (ċ) ta' l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija jistipulaw li ċerti rekwiżiti strutturali stipulati f'dawn ir-Regolamenti m'għandhomx japplikaw għall-istabbilimenti fil-Bulgarija mniżżla fil-Kapitoli I u II ta' l-Appendiċi ta' l-Anness VI ta' l-Att ta' Adeżjoni sal-31 ta' Diċembru 2009, taħt ċerti kundizzjonijiet.

(3) Il-Kapitolu I ta' l-Appendiċi ta' l-Anness VI jelenka stabbilimenti konformi awtorizzati li jirċievu u jipproċessaw mingħajr separazzjoni ħalib konformi u ħalib mhux konformi filwaqt li l-Kapitolu II ta' dan l-Appendiċi jelenka stabbilimenti konformi awtorizzati li jirċievu u jipproċessaw b'mod separat ħalib konformi u ħalib mhux konformi.

(4) Dawn il-listi ta' stabbilimenti ġew emendati mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/26/KE tat-22 ta' Diċembru li temenda l-Appendiċi ta' l-Anness VI ta' l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti ta' ipproċessar tal-ħalib fil-Bulgarija [3].

(5) Il-Bulgarija issa rrivediet is-sitwazzjoni fis-settur tal-ħalib u vvalutat mill-ġdid l-istabbilimenti elenkati fil-Kapitolu I u fil-Kapitolu II ta' l-Appendiċi ta' l-Anness VI.

(6) Skond din l-evalwazzjoni l-istabbilimenti elenkati fil-Kapitolu I mhumiex konformi mar-rekwiżiti strutturali tar-Regolament (KE) 852/2004. Għalhekk dawn l-istabbilimenti għandhom jitħassru mil-lista fil-Kapitolu I. Ħdax-il stabbiliment biss li m'għandhomx diffikultajiet prattiċi fit-trattament xieraq ta' żewġ linji ta' produzzjoni separati għandhom jibqgħu fil-lista fil-Kapitolu II.

(7) Għaċ-ċarezza tal-leġislazzjoni Komunitarja, huwa xieraq li l-listi ta' stabbilimenti li jinsabu fil-Kapitoli I u II ta' l-Appendiċi ta' l-Anness VI ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija jinbidlu bil-listi li jinsabu fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Appendiċi ta' l-Anness VI ta' l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija jinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Ottubru 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.
[2] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
[3] ĠU L 8, 13.1.2007, p. 35.

*ANNESS*

*"Appendiċi għall-Anness VI*

KAPITOLU I

**Lista ta' stabbilimenti ta' pproċessar tal-ħalib li jipproċessaw ħalib mhux konformi msemmija fil-Kapitolu 4, Taqsima B, paragrafu (a), ta' l-Anness VI**

KAPITOLU II

**Lista ta' stabbilimenti ta' l-ipproċessar – kemm ta' ħalib konformi kif ukoll ta' ħalib mhux konformi msemmija fil-Kapitolu 4, Taqsima B, paragrafi (a) u (ċ), ta' l-Anness VI**

| Nru | Nru Vet. | Isem u indirizz ta' l-istabbiliment | Sit tal-bini ikkonċernat |
|---|---|---|---|
| Reġjun ta' Veliko Tarnovo — Nru 4 | | | |
| 1. | BG 0412010 | 'Bi Si Si Handel' OOD | gr. Elena<br>ul. 'Treti mart' 19 |
| Reġjun ta' Vidin — Nru 5 | | | |
| 2. | BG 0512025 | 'El Bi Bulgarikum' EAD | gr.Vidin<br>YUPZ |
| Reġjun ta' Vratsa — Nru 6 | | | |
| 3. | BG 0612027 | 'Mlechen ray - 99' EOOD | gr.Vratsa |
| 4. | BG 0612043 | ET 'Zorov-91-Dimitar Zorov' | gr. Vratsa |
| Reġjun ta' Plovdiv — Nru 16 | | | |
| 5. | BG 1612001 | 'OMK' AD | gr. Plovdiv<br>bul. 'Dunav' 3 |
| 6. | BG 1612011 | 'Em Dzhey Deriz' EOOD | gr.Karlovo<br>bul. 'Osvobozhdenie' 69 |
| Reġjun ta' Silistra — Nru 19 | | | |
| 7. | BG 1912013 | 'ZHOSI' OOD | s. Chernolik |
| Reġjun ta' Sliven — Nru 20 | | | |
| 8. | BG 2012020 | 'Yotovi' OOD | gr. Sliven<br>kv. 'Rechitsa' |
| Reġjun ta' Targovishte — Nru 25 | | | |
| 9. | BG 2512020 | 'Mizia-Milk' OOD | gr.Targovishte<br>Industrialna zona |
| Reġjun ta' Haskovo — Nru 26 | | | |
| 10. | BG 2612047 | 'Balgarsko sirene' OOD | gr.Haskovo<br>bul. 'Saedinenie' 94 |
| Reġjun ta' Shumen — No 27 | | | |
| 11. | BG 2712014 | 'Stars kampani' OOD | gr.Shumen<br>ul. 'Trakiyska' 3" |